Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 19/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***... omissis ...***
**Carmelo Sant**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-2 ta' Marzu 2007 kontra l-imsemmi Carmelo Sant li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli, flimkien ma' George Pace: (1) ikkommettew omicidju

volontarju, u cioe` dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt; (2) fil-hin li ghamlu delitt volontarju kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu; (3) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom, jew kellhom f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat in-nota tat-12 ta' Ottubru 2009 ipprezentata mill-akkuzat (illum appellant) Carmelo Sant, fejn huwa nforma lil dik il-Qorti li ser jirregistra ammissjoni tal-akkuzi lilu addebitati fil-proceduri u li ghalhekk l-unika haga li tehtieg li tigi indirizzata fil-kaz tieghu hija l-piena li ghandha tigi inflitta; rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2009 l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu; rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba u taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati; u wara li rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2009 li bih, fuq talba tal-prosekuzzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawza tal-akkuzat u dik tal-ko-akkuzat George Pace, iddikjarat lill-istess Carmelo Sant hati talli:

(1) fit-8 ta'April 1989 dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

(2) fit-8 ta' April 1989 fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu u dan skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

(3) fit-8 ta’ April 1989, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu, u dan skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 3(1A) [illum l-artikolu 5(1) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] u l-artikolu 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66), ikkundannat lill-hati Carmelo Sant ghall-piena komplessiva ta’ tletin (30) sena prigunerija, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta’ sitt mija wiehed u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€681.34c), rapprezentanti terz tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat ukoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u ezaminata mid-difiza, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Giglio, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti:-**

**1. li mir-rassenja tal-kawzi decizi kemm minn din il-Qorti kif preseduta, kif ukoll minn gudikanti ohra w mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) jidher li jkun opportun li tinghata piena ferm inqas minn wahda ta’ tletin (30) sena prigunerija f’dan il-kaz biex jinzamm proporzjon ma’ dawk is-sentenzi;**

**2. li f’dan il-kaz kien hemm trapass ta’ zmien ta’ ghoxrin sena mill-kommissjoni tar-reati sal-lum w ghalhekk skond l-awturi man mano li jghaddi z-zmien l-allarm socjali jonqos w r-reati ma jibqghux icarrtu it-**

**tessut socjali daqs kemm ikunu f'certu zmien qrib id-data tar-reat;**

**3. li kieku l-hati ma ammettiex l-akkuzi mal-pulizija zgur li l-Pulizija ma kienx ikollha provi biex takkuzah b'dawn ir-reati;**

**4. li l-eta` tieghu kienet wahda avvanzata;**

**5. li ma kienx minnu li l-akkuzat kien f'xi hin mistur. Semplicement ma kienx maghruf mill-Pulizija;**

**6. li gudikant meta jaghti piena f'omicidju duplici jkun ikkalibra l-piena fuq dawk il-fatt izda hawn non si tratta ta' omicidju duplici;**

**7. li m'ghandux jigi akkollat l-ispejjez peritali kollha;**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja, li jinsabu kollha registrati w senjatament:-**

**"Li l-Prosekuzzjoni kienet ikkonsidrat is-sentenzi citati mill-hati izda dawn kollha kellhom fattispecji differenti minn dawk tal-kaz odjern u spjega kif u ghaliex.**

**"Li f'dan il-kaz ma kienx hemm ammissjoni bikrija imma ammissjoni wara ghoxrin sena. Jekk xejn kienet ammissjoni tardiva w mhux wahda bikrija.**

**"Li mill-fedina penali tal-hati jidher li tul dan il-periodu kollu hu baqa' jikommetti reati ohra.**

**"Li t-trapass taz-zmien m'ghandux jagevola lil min ghal tul ta' snin ikun harab mill-id tal-gustizzja.**

**"Ikkonsidrat:**

**"Illi l-piena ghar-reat ta' omicidju volontarju wahdu hi dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Pero` skond l-artikolu 492(1), meta f'xi stadju qabel jigi fformat il-**

**guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghall-fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista' (mhux marbuta) li, minflok il-piena msemmija, taghti piena tal-prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena.**

**"Issa f'dan il-kaz il-Qorti qieset is-sentenzi citati mid-difiza konxja mill-fatt li ghandu jinzamm kemm jista' jkun proporzjon bejn sentenza w ohra sakemm dan ikun possibbli, tenut kont tal-fattispecji differenti taghhom.**

**"Dan hu kaz ta' omicidju ta' persuna anzjana minn persuni li kienu jippozaw ta' konoxxenti jew addirittura hbieb taghha w li nqdew bil-fiducja li l-vittma kellha fihom biex ittradewha, haduha f'post dizabitat bl-iskuza ta' ikla flimkien u hemm – bl-aktar mod kiesah u biered – qatluha b'zewg tiri ta' senter a distanza ravvicinata w dan bil-ghan li jisirqulha xi flus li setghet kienet qed iggorr fuq il-persuna taghha. Dan it-tip ta' reat motivat minn tentattiv ta' serq sar bl-aktar mod brutali w ta' stmerrija.**

**"Illi l-fatt li l-hati dam kwazi erbatax-il sena biex inkixef mal-Pulizija zgur li ma kienx ta' zvantagg ghalih ghax baqa' jgawdi l-hajja bhala persuna libera w seta' – kif del resto ghamel – kompla bil-hajja normali tieghu w lanqas ma zamm il-boghod milli jikkommetti reati ohra. Di fatti miz-zmien tar-reati in ezami 'l hawn, hu instab hati ta' reati ohra li jinkludu serq aggravat, tentattiv ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku b'offerta ta' flus, ta' theddid jew ingurji kontra ufficjali pubblici, ta' rapport falz, theddid ta' xhud tal-prosekuzzjoni, korruzzjoni ta' minorenni w talli ghin jew iffacilita l-korruzzjoni tal-istess minorenni ta' erbatax-il sena. Hu diga` ssubixxa zewg sentenzi ta' prigunerija ohra in konnessjoni ma' dawn ir-reati.**

**"Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et"**

**[2.10.2002] il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard [24.7.2000] u r-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard [24.7.2000])**

**"Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u, kif gie ritenut minn dik il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" [29.1.2001] ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**"Illi fil-kaz ta' Nikola Farrugia et fuq citat gie ritenut ukoll li t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.**

**"F'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm xi dewmien zejjed fil-proceduri wara li l-Pulizija saret taf bil-ko-involgiment tal-hati f'dawn ir-reati tant li pprocediet fi zmien tlett ijiem billi ressqet lill-hati quddiem il-Qorti. Il-kumpilazzjoni ma haditx zmien eccessiv biex giet konkjuza. Meta mbaghad gie prezentat l-Att ta' l-Akkuza f'Marzu 2007, il-hati ma wera ebda herqa li jaghmel xi ammissjoni bikrija w baqa' proprju sa gimgha qabel id-data tal-appuntament tal-guri biex indika li ser jammetti. Dan nonostante li fil-15 ta' Novembru 2007 deher quddiem din il-Qorti in konnessjoni mat-trattazzjoni ta' eccezzjoni preliminari tal-ko-akkuzat u hemm, meta seta' facilment iddikjara li ser jirregistra ammissjoni, baqa' ma ghamel xejn. U**

**b'hekk rega' baqa' jgawdi l-liberta` ghall-kwazi sentejn ohra.**

**"Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.):-**

**'Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.)**

**Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment …..” (sottolinear ta' din il-Qorti).'**

**“Jidher li f'dan il-kaz, ghalkemm hu minnu li issa l-hati rregistra ammissjoni qabel ma gie format il-guri fil-kaz tieghu, dan kien kaz fejn hu ammetta proprju fl-ahhar hin li seta' jaghmel hekk u ergo kaz ta' “tactical plea where the offender delayed his plea until the final moment”. Ghalhekk l-ammissjoni tieghu f'dan l-istadju inoltrat, apparti li taghtih il-beneficcji tal-artikolu 492(1) ftit li xejn ghandha fic-cirkostanzi tiswielu ghal xi riduzzjoni ulterjuri tal-piena.”**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Santipprezentat fl-10 ta' Novembru 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-reati addebitati kontrih fl-Att ta' l-Akkuza u minnu ammessi, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn erogat il-piena msemmija u minflok tapplika piena li tkun izjed gusta u kif ukoll li tkun fil-parametri tal-ligi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-appellant ghandu aggravju wiehed li jirrigwarda l-piena li jqis eccessiva. Huwa jilmenta fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti mhux biss ma kkunsidratx it-trapass ta' zmien bhala fattur potenzjalment mitiganti, izda addirittura kkunsidratu bhala cirkostanza aggravanti. Skond l-appellant:

"... huwa risaput li l-maggor parti ta' l-awturi huma konkordi dwar l-effett tat-trapass taz-zmien tant li l-Professur Mamo, fil-kummenti tieghu rigward il-preskrizzjoni, jghid hekk:

"*'as time passes, the public alarm caused by the offence gradually diminishes and is eventually completely wiped out by oblivion of the offence'* (Notes on Criminal Procedure, p. 32).

"Illi ghalkemm il-gurisprudenza recenti ghamlitha cara li t-trapass ta' zmien ma jnaqqas xejn mir-reponsabbilta` tal-hati, fl-istess waqt lanqas ma jista' jkun hemm dubju li tali trapass ma jistax jigi addossat fuq l-esponent bhala xi cirkostanza li taggrava r-responsabbilta` tieghu u dan anke tenut kont tal-bran fuq citat li l-kontenut tieghu la jista' jigi kontestat u lanqas kritikat.

"Illi, fit-tieni lok, l-Onorabbli Qorti Kriminal injorat ghal kollox il-fatt li fiz-zminijiet li gew kommessi r-reati, f'kazijiet ta' sejbien ta' htija l-piena li kienet tigi erogata kienet tkun ferm izjed miti b'dan li nholqot sens kbir ta' ingustizzja f'dan il-kaz. Jinghad bl-akbar rispett li l-fatt li l-kumpilazzjoni nbdiet hafna snin wara u li l-guri gie konsegwentement ukoll appuntat diversi snin wara l-akkadut, ma jista' qatt iwassal biex piena tinghata skond *sentencing policies* godda li jkunu izjed harxa. Ir-reati f'dan il-kaz iridu necessarjament jigu ezaminati fl-isfond ta' *sentencing policies* adottati f'sentenzi rigward reati simili li gew kommessi fl-istess zminijiet."

F'dar-rigward l-appellant, ghalkemm jammetti li l-paraguni huma odjuzi, jirreferi ghal numru ta' sentenzi li jirrigwardaw omicidji li sehhew fl-1987[1], 1991[2] u 1994[3] fejn il-piena moghtija kienet dik ta' ghoxrin sena prigunerija. Fit-tielet lok l-appellant jilmenta wkooll li l-piena erogata kienet eccessiva anke meta paragunata

---

[1] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Fonk**, Qorti Kriminali 24 ta' Mejju 1989 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 1992.
[2] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nazzareno Mercieca et**, Qorti Kriminali 21 ta' Jannar 1994 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju 1995.
[3] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Cardona**, Qorti Kriminali 29 ta' Jannar 1997 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2000.

ma' sentenzi li nghataw izjed recentement u jirreferi ghal sentenza[4] dwar omicidju duplici fejn il-piena kienet dik ta' tletin sena prigunerija.

**7.** Kwantu ghall-ewwel ilment, u cioe` dwar il-mod kif ghandu jigi kkunsidrat it-trapass taz-zmien, din il-Qorti sejra l-ewwel ticcita bran mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 u li ghaliha ghamlet riferenza wkoll l-ewwel Qorti:

**"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: *Ir-Repubbllika ta' Malta vs Joseph Attard* (24.7.2000) u *Ir-Repubbllika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard* (24.7.2000)).**

**Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi* (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process**

[4] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, Qorti Kriminali 19 ta' Mejju 2004 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Novembru 2004.

**taghhom jinqata’ aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.”**

**8.** Minn dan il-bran jinstiltu numru ta’ konsiderazzjonijiet li din il-Qorti tikkondividi pjenament:

- li t-trapass taz-zmien ma jnaqqasx mir-responsabbilta` kriminali;
- li l-hati li jkun hu stess ipprovoka tul ta’ zmien biex jigu konkluzi l-proceduri ma ghandux jippretendi li jibbenefika minn tali trapass biex jigi agevolat fil-piena;
- li l-hati li matul dan iz-zmien ma jkunx zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet ma ghandux lanqas jibbenefika minn tnaqqis fil-piena.

**9.** Issa, l-appellant jiccita bran min-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo biex jargumenta li tant kien ghadda zmien mid-data ta’ l-omicidju li l-allarm pubbliku li r-reat in ezami seta’ holoq kien zgur naqas sostanzjalment. Pero` l-Professur Mamo jkompli jghid fin-Noti tieghu, u dak li l-appellant ma semmiex, li:

**“But the true essential and legal reasons justifying the prescription of penal action are that on the one hand, the inaction of the State for a long period of time, diminishes and removes the public or social interest in punishing the offence which is supposed to – but may also, after all, not – have been committed; and on the other hand, that the citizen should not remain for a long time or, worse still, indefinitely, exposed to the threat of prosecution, with his rights and legal position uncertain when, during all this time, he may have also remained utterly unaware of that threat and may consequently find himself unprovided with an adequate defence against the unexpected and long-delayed prosecution.”**

**10.** F’dan il-kaz kien sehh omicidju. Il-Pulizija damet ma ressqet lil xi hadd mhux minhabba inazzjoni da parti taghha izda peress illi ghal zmien twil ma kienx hemm persuni suspettati. Mix-xiehda ta’ l-Ispettur Chris Pullicino jirrizulta li fis-sajf tas-sena 2004 kien ircieva informazzjoni

kunfidenzjali dwar xi persuni li setghu kienu involuti. Fit-2 ta' Settembru 2004 huwa baghat ghal George Pace – wiehed mill-ko-akkuzati – u dan, waqt interrogazzjoni, ammetta li hu stess kien involut kif ukoll l-appellant Carmelo Sant u certu Michael Vella li miet fil-mori tal-proceduri. Una volta l-Pulizija kellhom il-provi necessarji, inbdew proceduri kriminali kontra dawn it-tliet persuni, u dan fi zmien tlett ijiem biss minn meta saret taf bil-ko-involgiment ta' l-appellant. Ovvjament, id-dekorriment ta' aktar minn hmistax-il sena mid-data ta' l-omicidju ma kienx dovut ghal xi nuqqas tal-Pulizija u ghalhekk l-appellant certament ma jistax jilmenta minn *"unexpected and long-delayed prosecution"*.

**11.** Barra minn hekk, filwaqt illi skond l-artikolu 688 (a) tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' ghoxrin sena ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn ghoxrin sena, skond l-artikolu 692 ta' l-istess Kodici, iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti **"ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf."**

**12.** Fl-ahharnett, kif gustament osservat l-ewwel Qorti, miz-zmien tar-reati in ezami 'l hawn, l-appellant instab hati ta' diversi reati ohra serji u anke ssubixxa zewg sentenzi ta' prigunerija in konnessjoni ma' dawn ir-reati.

**13.** Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant m'ghandu l-ebda ragun jilmenta dwar il-mod kif l-ewwel Qorti harset lejn l-aspett ta' trapass taz-zmien minn mindu gew kommessi r-reati addebitati lilu u ammessi minnu.

**14.** Kwantu ghat-tieni u t-tielet ilmenti, din il-Qorti tosserva illi l-appellant gustament osserva li l-paraguni huma odjuzi. Inoltre kull kaz jigi trattat fuq il-merti tieghu. Dwar id-disparita` ta' sentenzi l-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza, citata anke f'sentenzi ohra ta' din il-Qorti[5], wiehed jista'

[5] Ara, per ezempju, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo**, 14 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija v. Ludvic Bugeja**, 9 ta' Frar 2011.

jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstones Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

**"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be**

**more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."**

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

**"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will**

**be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."**

Fil-kaz in ezami d-disparita` lamentata hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellant u dik moghtija f'kazijiet ohra li mhumiex relatati. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex, fid-dawl ta' dak li jinghad fil-brani appena citati, tilqa' t-tieni u t-tielet ilmenti ta' l-appellant.

**15.** It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti erogat piena li mhijiex fil-parametri tal-ligi. Huwa jispjega dan l-aggravju hekk:

"Illi skond l-artikolu 31(1) tal-Kodici Kriminali <u>kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reati</u> li taghhom instab hati l-esponent, l-inzul mill-prigunerija ghall-ghomor kellha ssir skond l-iskala tal-pieni ta' prigunerija kif specifikat fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) imsemmi. Issa, skond is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b), il-piena massima li setghet tinghata f'kaz ta' inzul bi grad mill-piena ta' l-ghomor kienet dik ta' ghoxrin sena prigunerija.

"Illi kien biss bl-emendi li saru fil-Kodici Kriminali bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att XVI [tas-sena 1996] li l-piena massima applikabbli f'kaz ta' nzul bi grad mill-piena ta' l-ghomor saret dik ta' tletin sena prigunerija. L-emendi introdotti b'dan l-Att dahlu fis-sehh fil-5 ta' Lulju 1996, u cioe` iktar minn seba' snin wara l-akkadut.

"Illi ghalhekk, galadarba l-Onorabbli Qorti Kriminali korrettement ddecidiet li dan il-kaz ma kienx jimmerita l-piena massima, kellha bilfors tibda tikkalibra l-piena minn

massimu ta’ ghoxrin sena prigunerija (salv dak li jiddisponi l-artikolu 17(b) kif vigenti fiz-zmien tar-reati) u ghalhekk il-piena minnha erogata ma hijiex skond il-ligi. Il-piena ta’ tletin sena prigunerija hija piena li ma kinitx tezisti ghar-reati ammessi mill-esponent fid-data tal-kommissjoni taghhom u ghalhekk hija in vjolazzjoni tal-principju li zieda fil-piena ghal reat ma tista’ qatt tapplika retroattivament.”

**16.** Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti waslet biex timponi sentenza ta’ tletin sena prigunerija wara li qieset **“il-beneficcji tal-artikolu 492(1)”** tal-Kodici Kriminali. Dan is-subartikolu jipprovdi: **“Meta f’xi stadju qabel jigi fformat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu u ghall-fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.”** Meta sehh l-omicidju mertu tal-kaz, dan is-subartikolu ma kienx jezisti peress illi gie introdott permezz ta’ l-artikolu 114 ta’ l-Att III tas-sena 2002. Fl-1989 l-artikolu 492 kien jikkonsisti f’artikolu wiehed, li llum ghadu *in vigore* bhala s-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 492, u li kien u ghadu jipprovdi kif gej: **“Il-qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi.”**

**17.** Fil-kaz in ezami ma giex celebrat il-guri fir-rigward ta’ l-appellant Carmelo Sant in vista ta’ l-ammissjoni tieghu. L-appellant jghid li l-piena kellha tonqos skond l-artikolu 31(1) tal-Kodici Kriminali kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reati. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-artikolu 31 ma japplika xejn ghall-fattispecje ta’ dan il-kaz. Dak l-artikolu hu applikabbli biss fl-eventwalita` li l-Qorti tkun mehtiega mil-ligi li tirrikorri, kif jghid l-istess artikolu, ghal “it-tlugh jew l-inzul minn grad ta’ piena ghal grad iehor.” Dan qatt ma kien il-kaz hawn. Il-ligi qatt ma pprovdiet, anqas fi zmien ir-reat u qabel l-emenda li introduciet is-subinciz (1) tal-artikolu 492, li fil-kaz ta’ ammissjoni

ghandu jkun hemm xi tnaqqis fil-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. Il-piena ghall-htija ta' omicidju volontarju, kemm qabel l-emenda kif ukoll wara l-emenda, baqghet il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor u dan skond l-artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali li ma kien hemm ebda bdil fih. Qabel l-emenda l-prigunerija ghall-ghomor kienet mandatorja ghal sejbien ta' htija wara ammissjoni (kuntrarjament fejn il-gurija ma tkunx unanima fil-verdett taghha). Li gara bl-emenda li introduciet is-subinciz (1) tal-artikolu 492 huwa li l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma baqghetx izjed mandatorja izda saret biss diskrezzjonarja jekk il-Qorti jidhrilha li tista' tirrikorri ghal piena fil-parametri tas-subinciz imsemmi. Dak li sar bl-introduzzjoni tas-subinciz (1) tal-artikolu 492 tal-Kodici Kriminali hu li fl-eventwalita` ta' ammissjoni l-ligi pprovdiet ghall-possibilita` ta' parametri ta' piena anqas gravuzi mill-piena ta' prigunerija ghall-ghomor li altrimenti kienet tkun applikabbli qabel l-emenda u dan fl-eventwalita` li l-Qorti jkun jidhrilha li tista' timmitiga l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor meta l-akkuzat jammetti l-akkuza li tkun timporta tali piena.

**18.** L-appellant juri l-fehma li l-artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali ma hux applikabbli ghall-kaz tieghu peress li dik id-dispozizzjoni ma kinitx vigenti meta sar ir-reat. L-appellant kien ikollu ragun li kieku dik id-dispozizzjoni aggravat il-piena li kienet tkun applikabbli qabel l-emenda li ntroduciet dak is-subartikolu. Izda qabel l-emenda in kwistjoni, il-piena applikabbli ghall-akkuzat li jammetti akkuza ta' omicidju volontarju kienet, kif rilevat fil-paragrafu precedenti, il-piena mandatorja ta' prigunerija ghall-ghomor u dan skond l-artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali, ghalhekk, jopera favur l-akkuzat odjern in kwantu l-piena altrimenti applikabbli ghalih fiz-zmien tar-reat kienet il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor mentri bid-dispozizzjoni gdida tal-artikolu 492(1) il-piena applikabbli tkun dik ta' massimu ta' prigunerija ghal tletin sena.[6] Logikament, piena erogata fil-parametri tal-artikolu 492(1) qatt ma tista' teccedi l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor: tista' tkun jew ugwali

---

[6] U skond l-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali: **"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."**

ghall-piena ghall-ghomor jekk l-ikkundannat imut qabel jiskonta l-piena erogata, jew inqas mill-piena ghall-ghomor jekk l-ikkundannat jirnexxilu jiskonta l-piena erogata u ghalhekk jigi rilaxxjat. Ghalhekk l-applikazzjoni ta' piena fil-parametri tal-artikolu 492(1) ma tista' qatt tirrizulta f'xi zieda fil-piena ghar-reat *de quo* kif jallega l-appellant u tista' tirrizulta biss f'piena jew ugwali jew anqas gravuza mill-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. L-ewwel Qorti, ghalhekk, ma kienet b'ebda mod prekluza milli taghti piena fil-parametri tal-artikolu 492(1). Ma jistax jinghad li in vista tal-ammissjoni tal-akkuzat l-ewwel Qorti kienet b'xi mod obbligata li teroga piena skond l-artikolu 492(1) ghaliex il-piena ghall-htija ta' reat ta' omicidju volontarju baqghet, anki fil-kaz ta' ammissjoni, dik komminata fl-artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali u cioe` dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Dik il-Qorti, izda, kellha diskrezzjoni li tapplika, kif ghamlet, il-parametri stabbiliti fl-artikolu 492(1) u ma hemm xejn li kien jippreKludiha milli tapplika dawk il-parametri ta' piena ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**19.** Minbarra dawn il-konsiderazzjonijiet, stante li dan kien kaz ta' qtil, kif iddeskriviet sew l-ewwel Qorti, "kiesah u biered", kienet mehtiega piena adegwatament severa. Konsegwentement, u ghar-ragunijiet l-ohra moghtija f'din is-sentenza kif ukoll fis-sentenza appellata, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja s-sentenza appellata.

**20.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li t-terminu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------